**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 1 ta` Frar 2018**

**Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni**
**Nru. 60/2018 JZM fl-ismijiet :**

**Tabib Dottor Jeffrey Dalli (ID 151485M)**

***kontra***

1. **Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku**
2. **Ministeru ghas-Sahha, Anzjani u Kura fil-Komunita`**
3. **Direttur Generali ghas-Sahha Pubblika**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Ir-rikorrent ipprezenta r-rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni (**il-Mandat**) fit-12 ta` Jannar 2018.

Fit-12 ta` Jannar 2018, il-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrent provvizorjament, tat lill-intimati ghaxart (10) ijiem zmien biex iwiegbu bil-

miktub u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza ta` nhar it-Tlieta 23 ta` Jannar 2018 fid-9.15 a.m.

L-intimati kienu kollha notifikati fit-12 ta` Jannar 2018.

It-tliet intimati flimkien ipprezentaw risposta fid-19 ta` Jannar 2018.

Ir-rikors kien trattat fl-udjenza tat-23 ta` Jannar 2018. Fl-udjenza, semghet ix-xiehda ta` Angele Cilia Degiorgio u Marcelle Galea. Wara li d-difensuri ghamlu sottomissjonijiet, ir-rikors thalla ghal provvediment "in camera".

## II. It-talba

Ir-rikorrent talab sabiex l-intimati jkunu mizmuma milli –

***b`kull mod tinghata l-posizzjoni ta` Higher Specialist Trainee fil-Kirurgija Plastika lil terzi u/jew jigu mpjegati terzi fil-posizzjoni ta` Higher Specialist trainee fil-Kirurgija Plastika, kemm jekk il-posizzjoni tkun wahda formali, kemm jekk tkun wahda nformali ossija acting up Higher Specialist Trainee fil-Kirurgija Plastika, u/jew li tobba f`posizzjoni ta` Basic Specialist Trainee jinghataw posizzjoni ndefinita fil-Kirurgija Plastika sabiex ikunu b`hekk de facto Higher Specialist Trainee fl-istess dipartiment.***

## III. Il-fatti

### a) Skont ir-rikorrent :-

**Fil-qosor**, ir-rikorrent ighid li applika ghall-post ta` Higher Specialist Trainee fil-Kirurgija Plastika fl-Isptar Mater Dei skont call for applications li kienet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tas-7 ta` Settembru 2017 (Dok A). Jikkontendi li l-process tal-ghazla ma kienx kondott abbazi ta` mertu. Skont ir-rikorrent huwa kien l-aktar kandidat idoneju ghall-post. Fil-korp tar-rikors dahal fid-dettall ghaliex *on the basis of merit* kien l-aktar kwalifikat ghall-hatra.

**b)** **Skont l-intimati** :-

**Fil-qosor** ighidu illi l-kriterji ghall-assenjazzjoni tal-hatra ma kienux dawk li fuqhom ir-rikorrent qieghed isejjes il-pretensjoni tieghu. Inoltre wara li saret is-selezzjoni, ir-rikorrent ipprezenta petizzjoni sabiex il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tibdel id-decizjoni taghha. Il-petizzjoni kellha l-effett li twaqqaf il-process tal-ghazla sakemm ikun trattat l-ilment tar-rikorrent u jinghata provvediment.

**IV.** **L-Art 873 tal-Kap 12**

**Skont is-subinciz (1)** –

*L-iskop tal-Mandat ta` Inibizzjoni huwa li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista` tkun ta` pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

**Skont is-subinciz (2)** –

*Il-Qorti* ***m`ghandhiex*** *tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent `prima facie` jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

L-elementi li rikorrent irid jissodisfa huma : fl-ewwel lok, irid juri li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li qed jippretendi li ghandu ; fit-tieni lok, irid jipprova li *prima facie* ghandu dawn il-jeddijiet.

Dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-14 ta` Lulju 1988 fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`** (Kollez. Vol. LXXII.II.290) qalet hekk –

... ***huwa rekwizit oggettiv*** *u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.* (enfasi u sottolinear ta` din il-Qorti).

Hemm imbaghad **is-subinciz (3)** li jaqra hekk –

*Il-qorti m'ghandha tohrog ebda mandat bhal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra taghha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuh li l-haga li qed tintalab li tigi mizmuma tkun fil-fatt mahsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet moghtija, li kemm-il darba ma jinharigx il-mandat, il-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.*

Mela fejn, **<u>bhal fil-kaz tal-lum</u>**, imqar wiehed mill-intimati jkun l-Gvern, b`**<u>zieda</u>** ma` l-elementi li johorgu mis-subincizi (1) u (2), irid jitqies ukoll dak li jinghad fis-subinciz (3) u cioe` :- (a) li l-haga li parti titlob li tinzamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-hsieb li titwettaq ; u (b) li l-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma` l-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.

Riferibbilment ghall-element tal-*pregudizzju* meqjus fil-kuntest tas-subinciz (3) ghandu jinghad illi wara l-emenda li giet fis-sehh f`Ottubru 2006, il-ligi ma baqghetx titkellem dwar pregudizzju "*li ma jkunx jista` jigi rimedjat*" bhala l-bazi biex tkun milqugha talba ghall-hrug tal-mandat kontra l-Gvern, imma bizzejjed li jintwera mill-perspettiva tal-parti li titlob il-hrug tal-mandat li dak il-pregudizzju jkun *sproporzjonat* fis-sens illi jkun manifestament ta` zvantagg u ta` hsara ghar-rikorrent jekk il-haga titwettaq.

L-elementi li jwasslu ghall-hrug tal-Mandat huma kumulativi u <u>mhux</u> alternattivi. Li allura jfisser illi jekk xi wiehed mill-elementi ma jirrizultax, il-Qorti <u>hija obbligata</u> tichad it-talba ghall-hrug ta` l-Mandat.

**Kif diga` kellha okkazjoni tghid qabel illum, din il-Qorti tirriafferma li l-procedura tal-lum hija mahsuba biex tkun wahda sommarja. Ghaliex mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem din il-Qorti fi stadju bhal dak tal-lum, kull ma ghandu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar il-jedd. Il-fatt illi tintlaqa` talba ghall-hrug ta` l-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Kif daqstant iehor m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud allura l-jedd pretiz ma jezistix. Unikament ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, <u>mhux kompitu</u> ta` din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Hadd mill-partijiet ma jista` jew m`ghandu jippretendi li mad-"*daqqa t`ghajn*" ghandha tkun**

**propju din il-Qorti li tiddeciedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-procedura <u>specjali u partikolari</u> tal-Mandat ta` Inibizzjoni. Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta` din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet taghhom fil-mertu izda huwa <u>limitat u cirkoskritt</u> biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta` Inibizzjoni. Il-Mandat ta` Inibizzjoni huwa mezz procedurali <u>eccezzjonali</u>. Ghalhekk ma jistax jinhareg il-Mandat jekk il-hsara lamentata mir-rikorrent tkun tista` tigi rimedjata mod iehor.**

## V. <u>Risultanzi</u>

**Il-Qorti sejra tqis jekk fil-kaz tal-lum jirrizultawx l-elementi kollha li huma mehtiega sabiex kumulattivament iwasslu ghall-hrug tal-Mandat**

### a) <u>Il-jedd *prima facie*</u>

Il-Qorti ezaminat il-*call for applications* Dok A.

Dik wahedha ma twassalx biex ikun determinat ghaliex ir-rikorrent kien aktar kwalifikat ghall-post.

Kien esebit mir-rikorrent id-Dok B li juri li skont il-bord tal-ghazla, ir-rikorrent gie t-tieni b`marka ta` 76% waqt li l-kandidata li giet l-ewwel gabet 83%.

Fil-presentazzjoni tal-kaz tieghu, ir-rikorrent joqghod hafna fuq id-Dok C u jishaq illi huwa ssoddisfa s-*selection criteria and weightings* ahjar minn haddiehor.

Ir-rappresentanti tal-Gvern wiegbu ghall-mertu tal-pretensjoni tar-rikorrent billi xehdu illi Dok C huma *standards* ta` natura generali li pero` jistghu jigu devjati jekk il-Ministeru jitlob u jikseb l-approvazzjoni tal-Kummissjoni.

Hekk jirrizulta li gara fil-kaz tal-lum (Dok ACD1).

Skont ir-rapprezentanti tal-Gvern ir-rikorrent qieghed jistrieh fuq kriterji generali li ma kienux jghoddu ghall-kaz tieghu kif pretiz mir-rikorrent.

Irrizulta li l-process tal-ghazla kien kondott skont l-i*standards* aggornati kif fuq inghad.

Skont dawn tal-ahhar, il-posizzjoni tar-rikorrent ghall-fini ta` kriterji u *standards* ta` ghazla hija diversa minn dak li qed jipprospetta.

**Il-Qorti mhijiex tara li r-rikorrent ghandu jedd *prima facie* biex jitlob il-hrug tal-Mandat.**

**b)** **<u>Id-dikjarazzjoni</u>**

Fil-kaz ta` talba ghall-hrug tal-Mandat kontra l-Gvern, trid issir dikjarazzjoni skont l-Art 873(3) tal-Kap 12.

Fl-udjenza tat-23 ta` Jannar 2018, kien dikjarat mir-rappresentanti tal-Gvern illi l-posizzjoni tar-rikorrent hija tutelata minghajhr il-htiega ta` Mandat ladarba pprezenta l-petizzjoni wara r-rizultat tal-bord tal-ghazla.

Ghalhekk ladarba sakemm ikun hemm decizjoni finali, il-posizzjoni kienet ser tibqa` dik li hija llum, il-Gvern ma kien ser jaghmel xejn li jirrendi bzonnjuz il-hrug tal-Mandat.

**Anke dan ir-rekwizit mhuwiex sodisfatt.**

**c)** **<u>Ir-rekwiziti l-ohra</u>**

**Ladarba l-istanza tar-rikorrent diga` wehlet fuq tnejn mir-rekwiziti, u tenut kont illi r-rekwiziti huma kumulattivi, ma tarax il-htiega li tqis ir-rekwiziti l-ohra.**

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tirrevoka *contrario imperio* id-digriet li tat fit-12 ta` Jannar 2018 safejn laqghet provvizorjament it-talba tar-rikorrent ghall-hrug tal-Mandat.**

**Qeghda tichad it-talba tar-rikorrent ghall-hrug tal-Mandat.**

**Qeghda tordna lir-rikorrent sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**